**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Anthony Calleja, detentur tal-karta tal-identità numru 220357(M);**

**Maria Spiteri detentur tal-karta tal-identità numru 451052(M);**

**Vincent Calleja detentur tal-karta tal-identità numru 100151(M); u**

**David-Santo Calleja detentur tal-karta tal-identità numru 256361(M);**

Kumpilazzjoni Nru. 1240/2013

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Anthony Calleja, Maria Spiteri, Vincent Calleja u David-Santo Calleja u ċioè talli:

1. Fil-15 ta' Settembru, 2011, matul il-ġurnata, fil-kumpanija Vitafoam Ltd, Vitafoam Factory, San Ġwann Industrial Estate, Birkirkara, fil-kapaċità tagħhom personali u/jew ta' diretturi tal-kumpanija Vitafoam Ltd, b'nuqqas ta' ħsieb, bi

traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti weġġħet gravi Doreen Zarb skont kif iċċertifika Mr Thomas Azzopardi – Consultant Orthopaedic Surgeon fl-Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-art 225, 226 (1) u 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fuq talba tal-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ġew akkużati talli fil-kapaċità tagħhom personali u/jew ta' diretturi tal-kumpanija Vitafoam Ltd fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi u fix-xhur ta' qabel naqsu milli jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li setgħu ġew affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jieħdu passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikoli 6 (1)(2) tal-att 27/200 Kap 424; u

3. fl-istess żmenijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu li jagħtu tagħrif dwar l-inċident u infurmaw lid-Direttur bil-miktub jew b'mezz ieħor xieraq fi żmien sebat ijiem mid-data tal-inċidnet u dan ai termini tal-artikolu 2(b) ta' A.L. 52/86(S.L.424.09).

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 t'April, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 225, 226(1) u 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 6 u 38 tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fir-regolamenti 22 tal-Avviż Legali 52 tal-1986 kif emendat ( regolamenti Dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) – Leġislazzjoni Sussidjarja 424.09);
e) Fl-artikolu 38 tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 553 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.201

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fil-15 ta' Settembru, 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-11 ta' Jannar, 2016.

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw korriment fuq il-post tax-xoghol, fil-Vitafoam Factory, fejn Doreen Zarb kienet qatghet l-*index finger*, liema subgha sallum il-gurnata ghadu ma rkuprax il-funzjoni totali tieghu, anzi fejn ghadu jikkawza skomfort u fejn baqa' mtarrax minkejja li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-incident.

Illi l-imputat qeghed jeccepixxi li l-azzjoni fil-konfront tieghu fir-rigward tal-ewwel akkuza hija preskritta.[2]

Illi ghalhekk fl-ewwel lok ser jigi determinat jekk l-offiza sofferta mill-parte leza kienitx dik prevista bl-artikolu 226(1)(a) jew 226(1)(b) fejn fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju gja qed jigi indikat li l-offiza gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Illi Dr Thomas Azzopardi jixhed li meta ezamina lill-parte leza fil-25 t'April, 2012, *"Il-ferita kienet fieqet pero` hi baqghet bis-sintomi....Hi kellha soft tissue injury pero' jidher li zvillupat kumplikazzjonijiet tal-injury."*[3] Ic-certifikat mahrug minnu fis-6 ta' Frar, 2012, ukoll jaccenna ghal fatt li Zarb ma kienitx rkuprat ghal kollox l-uzu tas-subgha u fil-fatt intbaghatet il-Hand Team ghall-*"aggessive physiotherapy"*.[4] Dr Azzopardi kien indika *"left*

---

[2] Fil-kors ta' sottomissjonijiet kien gie sollevat mid-difiza l-punt dwar jekk kienx hemm nullita` fil-proceduri galadarba l-Kapitolu 424 Ligijiet ta' Malta jipprovdi fl-artikolu 38(4) li: *(4) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti għal reat kontra dan l-Att għandhom jittieħdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), kif ikun il-każ, bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.* Jinghad izda li l-artikolu 403(1) tal-Kodici Kriminali jiddetermina dan il-punt minghajr ebda ekwivoku meta jipprovdi li: ***403.*** *(1) Jekk, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti jkun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u li dwaru ma hemmx ħtieġa ta' kwerela tal-parti offiża, il-qorti li mexxiet il-kompilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat skont l-artikolu 377, u tordna li l-atti flimkien ma' kopja tassentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 401(3).* Jirrizulta ghalhekk li jekk Qorti issib li xi reati jaqghu fil-kompetenza originali taghha, dan bl-ebda mod ma jgib in-nullita` ta' dawk il-proceduri izda dak li jkun mistenni hu li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

[3] Fol.98-99

[4] Vide certifikat Dok. JM2, a. fol 27 u 'Request for Consultation' dok.JM3 a. fol. 27A

*index finger amputation....severe stiffness and tender soft tissues."*[5]

Illi Dr Mario Scerri li ezamina lil Zarb fit-12 ta' Jannar, 2016, sab li *"kien hemm evidenza ta' partial tissue loss fil-kantuniera medjali tat-tarf tas-subgha"*. Innota ukoll li kellha *"frozen joint fil-proximal interphalangeal joint tal-istess subgha..."* izda dan ghaliex ma kienitx thaddmu u mhux attribwit direttament ghall-incident. Dr Scerri jghid li *"din il-lezjoni ma tfixkel bl-ebda mod il-funzjoni tas-subgha. Illi l-partial numbness tat-tarf tas-subgha huwa komuni ghar-raguni li jkun hemm partial damage fil-cutaneous nerves u dan ghandu jigi ghan-normal maz-zmien....l-partial tissue loss fis-subgha m'huwiex tant ovvju from within talking distance."*[6] Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti Dr Scerri jghid *"Amputation tas-sebgha lanqas kien hemm, kull m'hemm tissue loss on the medial aspect of the tip of the second digit tan-naha tax-xellug. Tissue loss.....ma tantx jidher hafna mhux daqshekk conspicuous from within talking distance, trid ykun taf bih u thares lejh, u r-ritratti jghidu kollox....jekk qed thares lejh trid tfittxu."* Izid li *"ghandha daqxejn numbness fit-tip ghaliex dik iddum imma suppost maz-zmien tigi f'postha..numbness dovut ghall-fatt li tissue loss tiddamagja l-cutanious nerves of sensation, pero damet ukoll ghal fatt li dak li kienet qed taghmel ma subghajha jaffetwa wkoll biex in-numbness iktar idum biex jghaddilha....pero maz-zmien jigi, pero din mhux qed tghin biex il-process jigi accellerat, ir-regress qed jigi accellerat."*[7]

Il-Qorti rat ukoll r-ritratti esebiti fir-relazzjoni ta' Dr Scerri minn fejn jirrizulta ampjament li l-parte leza soffriet dak li jista' jitqies bhala mankament u sfregju f'idha filwaqt li tali incident zamma milli tjmur għax-xogħol ghal tletin gurnata.[8]

Ghalhekk dan ifisser li l-offiza mgarrba hija wahda li ma gabitx il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali izda fl-artikolu 216 tal-istess Kodici u ghaldaqstant tali reat igorr mieghu terminu preskrizzjoni ta' zmien sentejn.[9]

---

[5] Fol.27A
[6] Fol. 162-176.
[7] Fol.133
[8] Vide ittra minn V. Calleja fejn jiddikjara li ilha ma tmur ghax-xoghol ghat-18 il-gimgha; Dok. DS, fol.138 izda partikolarment fol.146 minn fejn jirrzulta li sat-12 ta' Frar 2012 kienet *"Still Unfit"*.
[9] Artiklu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Illi mill-akkuza jirrizulta li l-incident sehh nhar il-15 ta' Settembru, 2011, izda l-akkuza giet prezentata l-Qorti nhar il-15 t'Ottubru, 2013, xahar wara li kien skada t-terminu ta' preskrizzjoni. Huwa evidenti ghalhekk mill-provi prodotti li l-azzjoni kriminali odjerna **fir-rigward tal-ewwel akkuza** tressqet tard u ghaldaqstant din il-Qorti, anki kif d'altronde hija obbligata mill-ligi stess billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali bhala wahda **preskritta.**

Illi Doreen Zarb xehdet kif hi kienet ilha tahdem mal-Vitafoam ghal madwar 11 il-sena u fuq il-magna in kwistjoni madwar sena u nofs.[10] Tghid *"Ehe dina kienet magna bil-blade u kellha handle, din naqbduha hekk u tghaddi qisha minn slot hekk u haditli subaja hux...le guard ma kellhiex il-magna"*[11] Izda sekondi wara hija tghid *"Qisha ghandha bicca hekk hadida, hawnhekk ghandha nozzel u kienet bil-blade hekk. Ghandha handle allright, ahna naghmlu skond il-qisien tas-saqqijiet, u nigbduha hekk u tghaddi minn go guard."*[12] Zarb tghid li meta qatghet subaghha hadet il-bicca li nqatghet maghha l-isptar izda din ma regghetx twahhlet. Tghid li *"jiena ma nistax nuzah hux, dak ma nistax mghawgu kif irrid subaja. Safrattant il-Professur qalli din f'idejk qeghda, dak li kien qalli, qalli jekk idejqek hehh, ghax jiena ghedtlu anki biex nahsel xaghri jdejjaqni, qalli naqtghu, trid naqtahulek, dik il-kelma li qalli..."*[13]

Illi Charles Micallef rapprezentant tal-OHSA xehed li kienu rcevew rapport mid-Dipartiment ghas-Servizji Socjali (DSS) dwar beneficcji minhabba incident fuq il-post tax-xoghol. Izda kien 6 xhur wara li huwa ghamel spezzjoni fuq is-sit tal-fabbrika fejn sab li l-*cutter* kellhu *guard* mwahhla kif jixhdu ir-ritratti esebiti a fol. 55-56 fejn il-*guard* hi mmarkata b' 'X'.[14] Hu jghid li ma setax jifhem kif setghet korriet Zarb jekk kien hemm il-*guard.* Micallef ikompli li filwaqt li kien staqsa lis-Supervisor[15] dwar jekk meta korriet Zarb kienx hemm il-*guard* u din ikkonfermatlu li kien hemm, Zarb cahdet li kien hemm *guard.*[16] Madanakollu fix-

[10] Fol.30
[11] Fo.31
[12] Fol.32
[13] Fol.34
[14] Fol.56
[15] Fol.38
[16] Fol.39

xhieda tieghu Micallef jikkonferma li jekk titnehha il-*guard* l-apparat ma jigix inibit milli jithaddem *"No xorta jahdem jekk tnehhi dik il-guard l-apparat xorta jahdem."*[17]

Illi David Saliba esebixxa r-rapport li kien gja ghamel riferenza ghalih Charles Micallef.[18] Mir-rapport jirrizulta li meta giet mitkellma minn Micallef, Zarb qalet li qatt ma kienet irceviet *training* dwar kif topera il-magna u lanqas ma kienu gew provduti bi *steel mesh gloves* bhala prekawzjoni. Fir-rapport jigi indikat li meta Zarb giet murija ir-ritratti tal-*cutter* hi innegat bil-qawwa kollha li l-*guard* kien hemm izda qalet li **dan twahhal wara l-incident**.[19] Madanakollu dak li Zarb qalet lil Charles Micallef jammonta biss ghal *hearsay* u ghalhekk qed jigi skartat. Il-prosekuzzjoni kellha l-obbligu w d-dmir li terga' issejjah lil Zarb sabiex tikkonferma dak li jigi rrapurtat mill-OHSA, sabiex quddiem il-Qorti jkollha l-opportunita` anke tara r-ritratti esebiti minn Micallef u tixhed dwarhom kif ukoll dwar it-*training* li nghatat jew in-nuqqas tieghu, u dwar xi lbies prottettiv li kien jinghata tenut kont li Micallef jghid li Zarb cahdet li nghatat *training* jew ilbies protettiv. Il-Qorti kienet tistenna wkoll li l-prosekuzzjoni ttella bhala xhieda haddiema ohra li kienu jahdmu fuq il-magna sabiex jikkonfermaw jekk il-magna kellhiex guard jew le, jiddeskrivu xi *training* hadu w jekk hux minnu li ma kienux jinghataw ilbies protettiv.

Illi hija ta' importanza l-konkluzjoni li ssir fir-rapport tal-ispezzjoni *"When the OHS officers from OHSA inspected the machine a minimal of two to three millimetres clearance was observed allowing a gap for the material to be drawn under. If the guard had been in place and as seen in the photgraphs it would NOT be possible for anyone to insert anything in except fabric."*[20]Izda hawnhekk il-Qorti terga taghmel riferenza ghal dak li xehdet Zarb meta qalet "*Qisha ghandha bicca hekk hadida, hawnhekk ghandha nozzel u kienet bil-blade hekk Ghandha handle allright, ahna naghmlu skond il-qisien tas-saqqijiet, u nigbduha hekk u tghaddi minn go guard."*[21]

Illi mill-imputati xehedu biss Vincent Calleja u Anthony Calleja.

[17] Fol.40
[18] Fol.40
[19] Ds7, fol.158
[20] Fol.163
[21] Fol.32

Illi Vincent Calleja spjega kif meta ingabet il-magna kien hemm *supervisor* li wriet lill-parte leza kif din tahdem. Din il-magna bazikament kienet imqass tal-elettriku u minhabba li d-drapp tas-saqqijiet ikun wiesa' hafna, minflok ma l-operatur ikollu jiggebbed biex ilahhaq minn naha ghall-ohra, hemm handle twil bi *switch* fit-tarf li jservi sabiex jaqta' id-drapp. L-operatur kien ipoggi idu fuq il-handle fejn kien hemm l-*switch* li jippermeti li l-*cutter* jimxi minn naha ghall-ohra. Peress li kien hemm *guard* ix-xhud jghid li biex wegghet bilfors li deffset ix-xifer ta' subghaja fl-slott u dan tenut kont li d-drapp jinqata 'one ply' fejn il-gap huwa irqieq hafna.[22] L- idejn l-operatur kellhom ikunu fuq il-*handle* t-twila u fuq il-manku l-griz li jidher a fol.53 u 54 (ritratt 3 u 5 rispettivament) u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jintmiss il-parti tal-manku fejn kien hemm il-*guard*. Ikun it-technician li jaqla l-*guard* meta jkun hemm bzonn jitnaddaf jew ghax jehlu xi hjut fih izda dan wara jerga' jitwahhal. Fi kliem ma tantx meqjus tax-xhud *"trid tkun daqxejn injorant biex thaddem il-magna minghajr guard."* [23] Vincent Calleja jzid li kienu saru risk assesments filwaqt li kkonferma li *"Il-magna dejjem, dejjem tkun bil-guard."*[24] In kontro-ezami jikkonferma *"Il-blade dejjem tkun hemmhekk, il-guard tkun hemmhekk ukoll."* u jerga jinsisti li ma jafx ghaliex dahlet subghajha.[25] Jghid ukoll li hass li ma kellux imur fuq il-post fejn hemm il-magna wara li Zarb korriet[26], xi haga li l-**Qorti tqis li turi nuqqas professjonali u civiku fejn l-interessi tal-haddiema ghandhom ikunu priorita` ghal kull employer**. Fir-ri-ezami jerga' *"Jien ma mortx naraha"* izda qallhom sabiex iddewuwulha u johduha l-isptar.[27]

Illi xehed Anthony Calleja li spjega kif hu ma kienx ikun il-fabbrika izda baqa' direttur fil-kumpanija. Sar jaf bl-incident wara li kienet infurmatu ohtu xi jumejn wara.[28] Jghid li fil-board meetings kienu jigu diskussi materji relatati mal-Health and Safety.

Illi l-imputati David Calleja u Maria Spiteri ghazlu ma jixhdux f'dawn il-proceduri.

---

[22] Fol.211-212
[23] Fol.213
[24] Fol. 216
[25] Ibid
[26] Fol.217
[27] Fol.219
[28] Fol.223

Illi xehedet Mary Anne Sciberras li tghin lil Vincent Calleja fit-tmexxija tal-Vitafoam Limited fejn ilha impjegata hemm mill-1997. Sciberras tghid li fil-hin hija kienet qed tipprepara biex jitghabba x-xoghol tal-produzzjoni, Doreen Zarb li kienet qeghda tfassal id-drapp, bdiet tghajjatilha *"ejja Mer, ejja Mer, ejja Mer.....Mort nigri u sibtha li tajret subghajha mal-magna...bdejt indewwiha....Doreen Zarb kienet ilha tahdem zgur, zgur, zgur fuq sena hemmhekk."*[29] Ix-xhud tghid li kienet hi li urietha kif jahdem il-*cutter* filwaqt li ziedet *"Meta giet installata l-magna ovvjament ghalmuna kif tintuza l-magna.....No certifikati m'ghandiex just meta giet il-magna nstallata u urewna kif tahdem il-magna...urew impjegati ohrajn dakinhar mieghi...konna flimkien u mbaghad ovvajment iktar ma jghaddi zmien jekk jinbiddlu n-nies inti triq tghallem u turi kif tintuza l-magna uh."* Fuq domanda tal-Qorti kkonfermat li <u>kienet hi li wriet lil Zarb kif thaddem il-magna</u>.[30]

Sciberras kompliet li Zarb ittiehdet l-emergenza. Dwar il-magni tghid li ma kien hemm xejn nieqes mill-magni u *"Le l-magna tkun dejjem armata u kollox bil-guard. Ovvjament fejn hemm blade inti jkollok guard li hija parti mill-health and safety."* Izzid li ghalkemm saru inspections mill-Health and Safety qatt ma kien gie rrimarkat li kien hemm xi haga mankanti fil-magni. Tatribwixxi dak li gara lill-parte leza ghal nuqqas ta' attenzjoni da parti taghha *"Ghax hi l-magna kull ma hi magna zghira....jigifieri inti jekk taqbadha b'idejk hekk u tpoggi idejk fuq taghha taghtiha l-magna sewwa...mhijiex magna kbira.U mbaghad ghandha handle jitla l-fuq u fuq ghandhek switch..Jigifieri biex tattiva l-blade inti trid taghfas l-iswitch hawnhekk. Issa biex inti iddahhal subghajk gol-blade u taghfas l-iswitch triq vera ma tkunx mohhok fuq ix-xoghol.....bejn idejn u l-magna hemm 4 inches jigifieri int subghajk trid iddahhlu bil-fors gol-magna ma tistax ma ddahlux. Mhux xi haga li inti ma ddahlux u ghaddejt il-blade minn fuq subghajk ghax trid iddahhal subghajk....il-magna ma timxix ghax inti subghajk habat mal-guard sewwa."*[31] Tkompli li galdarba kien hemm il-*guard* id ma tghaddix u ghalhekk biex qatghet subghajha bilfors li dahhlitu fi slot li hemm vicin il-manku u li jidher cjar fir-ritratt nru.9 a fol.55 *"...ix-xafra hemmhekk biss tidher. Hawnhekk jinzel li subgha ma jghaddiex, hawnhekk l-*

---

[29] Fol.228
[30] Fol.230
[31] Fol.233

*unika post li ghandhek imma hemmhekk ghax iddahhal subghajk inti uh".*[32] In kontro-ezami tikkonferma li l-magna ma nhargiliex certifikazzjoni ghalkemm fil-fehma taghha giet inkluza fir-risk assessment peress l-fatt li ma kien hemm ebda rakkomandazzjoni mir-risk assessor dwarha, din ma kienitx ta' riskju. Tikkjarifika li hi ma ratx l-incident isehh izda kienet vicin meta gara.

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Ghal dawn ir-ragunijiet tenut kont li ma ngabitx evidenza ammissibli dwar il-mankanzi riskontrati fil-*health and safety inspection* report **u minkejja li l-Qorti ghandha dubbji serji dwar meta twahhlet il-guard** peress li hu ferm difficli jinfthiem kif setghat korriet jekk effettivament kien hemm din il-*guard* meta sehh is-sinistru, tqis li t-tieni imputazzjoni ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Jibqa ghalhekk biex jigi kkunsidrat jekk tirrizultax it-tielet imputazzjoni.

Illi Charles Micallef jghid cjar u tond li l-OHSA saru jafu bl-incident wara li kienu gew mgharrfa li dan sehh mid-Dipartiment tas-Servizzji Socjali meta rcevew *email* fid-29 ta' Frar, 2012.[33] Ix-xhud hu kategoriku meta jghid li *"ahna b'dan l-accident minghand l-employer qatt ma gejna notifikati skond l-Avviz Legali 52 tal-1986, meta inti ghandhek fuq il-post tax-xoghol meta xi haddiem iwegga fi zmien sebat ijiem mill-accident meta ha jdum ghall-aktar minn tlett ijiem barra irridu nigu notifikati."*[34]

Illi mill-atti processwali jirrizulta soddisfacentment ppruvat li l-imputati fil-kapacita` taghhom in rapprezentanza ta' Vitafoam Limited naqsu milli jaghmlu n-notifikazzjoni mehtiega ai termini tar-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xoghol (Sahha, Skansar u Hsieb Generali), (L.S. 424.09). Il-Qorti tinnota li r-regolament indikat fl-akkuza hu wiehed erroneju, bir-regolament applikabbli jkun dak previst bir-regolament 22(2)(b) hekk kif korrettament

[32] Fol.237
[33] Fol.36. Email esebita a fol. 42 et seq
[34] Fol.39

indikat mill-Avukat Generali fin-nota ghar-rinviju tieghu.[35] Madanakollu dan l-izball ma jolqot bl-ebda mod is-sustanza tal-akkuza li l-Qorti qed tqis giet soddisfacentement ppruvata. Jinghad ukoll li kieku mhux ghad-dokumentazzjoni esebita a fol.43 u 48 ma kienx ikun hemm prova dwar ma min Doreen Zarb kienet impjegata fejn wiehed kien jistenna li l-prosekuzzjoni ttella' rapprezentant ta' dak li qabel kienet l-Employment and Training Corporation sabiex issir id-debita prova.

Illi Dr Amanda Poole esebit dokument mahrug mir-*Registry of Companies* li jindika li l-imputati kienu lkoll diretturi fil-15 ta' Settembru, 2011, id-data tas-sinistru.[36] L-artiklu 13 tal-Att Dwar L-Interpretazzjoni jipprovdi li:

Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat:....

Illi indubbjament ghalhekk hu applikabbli ghall-imputati l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f'certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tal-korp jew ghaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuqu li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat.

Illi ghar-ragunijiet moghtija qed tinstab htija dwar it-tielet imputazzjoni filwaqt li l-ewwel akkuza tigi dikjarata estinta w it-tieni akkuza mhux soddisfacentment ppruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, l-fedina penali tal-imputati minn fejn jirrizulta li Vincent Calleja mhux xi *first-time offender* filwaqt li l-imputati Spiteri u David Calleja ghandhom fedina penali netta u dik ta' Anthony Calleja li ma toffri ebda preokkupazzjoni ghal qorti. Ma setghax ma jittiehdx in konsiderazzjoni t-tul li dawn il-

---

[35] Fol.201

[36] Dok. JM7, Fol.94

proceduri hadu sabiex jigu konkjuzi u cioe' aktar minn tlett snin b'reat li sehh aktar minn hames snin ilu.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu 38 tal- Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 22 tar-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xoghol (Sahha, Skansar u Hsieb Generali), (L.S. 424.09), ssib lill-imputati, fil-vesti taghhom kif indikat fl-akkuza, hatja tat-tielet imputazzjoni, filwaqt li tiddikjara l-azzjoni mressqa fil-konfront tal-imputati dwar l-ewwel imputazzjoni bhala wahda preskritta u kwindi hija estinta, u tilliberahom mit-tieni imputazjoni, tikkundannahom ghal multa ta' hames mija u hamsin Ewro (€550) bejniethom.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**